KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 392 (8-20)

It-Tnejn 6 ta’ Lulju 2020 fis-6.00 ta’ filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa’ fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**392.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**392.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 390. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 391. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsilliera Francine Farrugia issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**392.2.1** 390.2.3 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-bord irid ikun kompost ukoll mill-Accountant tal-Kunsill biex jevalwa l-ispiża finanzjarja u anka minn rapprezentant tal-Kunsill. Hija proponiet li l-Avukat tal-Kunsill jipprepara *terms of reference* u jkun ċirkulat mal-Kunsilliera.

**392.2.2** 390.3.4 Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda risposta mill-Għaqda Brass Band dwar ir-rendikont mitlub.

**392.2.3** 390.3.7 Il-Kunsilliera Francine Farrugia iċċarat li ssir riċerka dwar użu ta' vettura elettrika bħala trasport lokali u mhux xiri ta' vettura.

**392.2.4** 390.3.8 Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat li l-estensjoni għal dan il-proġett ġiet approvata.

**392.2.5** 390.3.6 Is-Sindku qal li l-kanċell taċ-ċimiterju ta' San Dawdar qiegħed għal manutenzjoni u li ser jeħel fil-post mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet sa l-aħħar ta' Lulju 2020.

**392.2.6** 390.4.1 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet li jiżdied dan il-kliem ma' dan il-punt: "Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li s-Sindku kien ippublika post qarrieqa fuq facebook meta ħareġ pożizzjoni li tgħid li kellu qbil unanimu fuq l-proġett ta' social housing fejn il-grownd tal-football u ħalla għal kollox barra s-sottomissjoni li kien qabel fuqha b'mod unanimu l-Kunsill Lokali. Hi qalet li s-Sindku semma s-sottomissjoni ġimgħat wara u għalhekk kien qiegħed jippublika pożizzjoni fragmentata, ntenzjonata li tqarraq u tħawwad lill-pubbliku u instigata minn politika partiġġjana minn naħa tiegħu. Hi talbet diversi drabi lis-Sindku jispjega għaliex pożizzjoni uffiċċjali tal-Kunsill ġiet mdawra f'pożizzjoni partiġġjana u fragmentata."

**392.2.7** 390.10 Is-Sindku qal li dawn is-sottomissjonijiet ġew mibgħuta.

**392.2.8** 390.14.1 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet jekk hux possibbli tintalab il-lista ta' persuni/familji fil-bżonn fis-Siġġiewi bl-iskop li tingħatalhom għajnuna ulterjuri. Is-Sindku qal li minħabba Data Protection din l-informazzjoni ma tingħatax.

**392.2.9** 390.10.2 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk intalabx l-istudju soċjo-demokrafiku u jekk kienx hemm risposta. Is-Sindku qal li intalab imma ma ġiet riċevuta l-ebda risposta f'dan ir-rigward.

**392.2.10** 390.14.5 Il-kunsilliera Francine Farrugia infurmat li x-xiri ta' gaġeġ tal-qtates ser jiġu inklużi mal-Proġett LC Care u mhux ser jinxtraw mill-fondi tal-Kunsill. Hija infurmat ukoll li ġie komunikat lilha li l-*vouchers* ta' *neutering* tal-qtates li kien hemm għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli kienu ġew utilizzati diġa minn lokalitajiet oħra u li għandha toħroġ skema oħra simili fi żmien qasir.

**392.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**392.3.1** Is-Sindku irrefera għall-iskema ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli mir-Reġjun Nofsinhar għal inizjattivi ambjentali f'dawn iż-żewġ inizjattivi:

- Fi proġetti taħt id-*Development Planning Fund* li ma jkunux japplikaw għal 100% tal-fondi
- Studju u xogħlijiet relatati mal-proġett *Slow streets*

Il-kunsill Reġjonali Nofsinhar ser jalloka sa massimu ta' €5000 lil kull Kunsill biex jintużaw f'wieħed minn dawn l-inizjattivi. Is-Sindku informa wkoll li sal-bidu t' April li għadda, id-*Development Planning Fund*, assoċjat mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, kien jammonta għal €106,489.65. Dan l-ammont ma jinkludix il-fondi li huma diġà kommessi.

**392.3.2** Is-Sindku informa li l-Kunsill reġjonali kien qed jaħdem biex mill-iktar fis tinħareġ sejħa pubblika fuq bażi reġjonali għas-servizz tal-manutenzjoni tad-dawl fit-toroq peress li l-maġġor parti tal-kuntratti tal-Kunsilli huma skaduti. Dan wara diversi diskussjonijiet kemm bejn Sindki tar-Reġjun u anka Segretarji Eżekuttivi fejn ġew diskussi l-vantaġġi u anka solvuti diversi issues biex tkun tista ssir sejħa simili. Is-sejħa ser tkun għal perjodu ta' sena u tista' tiġġedded għal erba' snin jekk ikun il-każ. Is-Sindku talab lill-Kunsill jekk jaqbilx li l-Kunsill jidħol ma' din is-sejħa. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet kjarifika dwar min ser ikun il-kuntatt bejn il-Kuntrattur u l-Kunsill, min ser jordna x-xogħol u x'jiġri f'każ ta' defaults. Hija saħqet li jekk ir-Reġjun ikun il-medjatur nitilfu l-effiċjenza u l-effettivita' tal-Kuntratt. Il-Kunsill qabel li tintalab kjarifika bil-miktub lir-Reġjun dwar dan.

**392.3.3** Is-Sindku qal li l-polza ta' assikurazzjoni kienet ser tiskadi. Is-Sindku qal li ġew mistħarrġa l-aħjar offerti u ressaq l-offerta ta' Mapfre MiddleSea għall-approvazzjoni, bl-ammont ta' €4686.31. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**392.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**392.4.1** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet lis-Sindku dwar il-proġett tal-*park and ride* f'San Niklaw li ġie inawgurat dan l-aħħar mill-Ministeru tat-Turiżmu, jekk hu kienx konsultat dwar dan il-proġett u jekk kienx mistieden bħala Sindku jew Kunsill għal inawgurazzjoni peress li qiegħed fil-konfini tas-Siġġiewi. Is-Sindku qal li ma ġiex konsultat dwar dan il-proġett u lanqas mistieden għall-konferenza stampa. Huwa qal li minn informazzjoni, dan huwa proġett pilota lejn il-bajja ta' Wied iż-Żurrieq u jekk il-proġett jirnexxi tiġi inkluża l-bajja ta' Għar Lapsi. Huwa qal li s-sinjali tat-traffiku fit-triq ta' San Niklaw saru mid-Dipartiment għal spiża ta' €18,000. Il-Kunsilliera Psaila Zammit staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex kopja tal-approvazzjoni tas-sinjali tat-traffiku kif approvati minn Transport Malta u jekk le, għandha tintalab kopja peress li t-triq qegħda fil-konfini tas-Siġġiewi.

**392.4.2** Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit irreferiet għal email mis-Segretarju Eżekuttiv fejn inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera biex ma jordnawx xogħlijiet lill-Kuntratturi. Hija saqsiet jekk kienx hemm xogħol li ġie ordnat lill-kuntratturi u minn min, u jekk kienx hemm spejjeż involuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-email inkitbet wara li l-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq rurali ma kienx lesta t-toroq indikati lilu fil-workplan

għax qal li naddaf toroq oħra murija mill-kunsilliera Adrian Farrugia u Dominic Grech. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li kull talba għandha tiġi riferuta lill-uffiċċju biex ix-xogħol joħroġ mal-work plan u hekk ikun hemm kontroll tax-xogħolijiet li jsiru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm spejjeż żejda involuti.

**392.5 Proġett LC Care**

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Francine Farrugia kienet qed taħdem fuq din l-applikazzjoni. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera tagħti spjegazzjoni tal-proġett. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li, flimkien mas-Sindku ġew identifikati żewġ żoni, l-area tal-Ħesri/Open gym u fil-bajja ta' Għar Lapsi. Hija qalet li l-applikazzjoni sa tkun tivolvi *surveillance cameras* fiż-żoni, *cat cafe*, installazjoni ta' bins tal-klieb u *bag dispenser*, tindif u servizz ta' *neutering*. L-applikazzjoni tagħlaq fis-17 ta' Lulju 2020.

**392.6 Tender – Tindif tal-lattini pubbliċi**

Is-Sindku qal li ġie infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li l-persuna li tieħu ħsieb il-lattrini infurmat li ma tistax tkompli tagħti servizz u għalhekk talab biex jibda l-proċess ta' *tendering* għat-tindif tal-lattrini tal-Pjazza, tal-Girgenti, tal-bandli Nalizpelra u anka ta' Għar Lapsi. Is-Sindku qal li peress li Għar Lapsi huwa klassifikat bħala żona turistika, jista jkun li 'il quddiem iż-żamma tal-lattrina taqa' taħt il-Gvern Ċentrali, għalhekk it-tender irid ikollu l-opzjoni li din titnaqqas jekk il-każ.

Il-Kunsill unanimament qabel li jibda l-proċess.

**392.7 Mozzjoni sabiex tingħata għajnuna lill-istabbilimenti żgħar fis-Siġġiewi fis-sajf 2020 wara l-effetti tal-imxija Covid-19**

Is-Sindku qara l-mozzjoni.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ġibdet l-attenzjoni li l-mozzjoni ġiet preżentata inqas mill-ħamest ijiem stabbiliti fil-Liġi, u allura ma setgħetx tiġi diskussa.
Is-Sindku talab li tissejjaħ Seduta b'Urġenza biex tiġi diskussa din il-mozzjoni u propona it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020 fis-6.00pm. . Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**392.8 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

*PA/03786/20 - Installation of solar farm, proposal includes: back filling of part of the quarry, construction of part of boundary wall and installation of pv panels - 82A, Triq ta' Wied Hanzir, Siggiewi*
Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq din l-applikazzjoni u qal li ser jintalbu photomontages tas-sottomissjoni.

**392.9 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**392.10 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**392.11** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**392.12** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**392.12.1** Il-Viċi Sindku Rodianne Haber qalet li hemm bżonn tindif il-Girgenti, ħdejn it-troll għax intefa kwantita' ta' materjal.

**392.12.2** Hija infurmat li l-attivita' relatata mal-proġett '*Give Back Award'* sa ssir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2020 b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Żagħżagħ.

**392.12.3** Infurmat ukoll li ġiet magħżula fil-proġett Ewropew YEP. Iktar informazzjoni tingħata 'il quddiem.

**392.12.4** Il-kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm bżonn jiżdied id-dawl fit-triq lejn Għar lapsi speċjalment in-naħa tad-Dar tal-Providenza.

**392.12.5** Il-kunsillier infurma li fl-1 ta' Awwissu ser issir attivita' mal-Ħbieb tad-Dar tal-Providenza bil-għan li jinġabru fondi għall-istess dar. Din l-attivita' ser issir minn volontarji u ħeġġeġ lill-Kunsilliera kollha jgħinu għal dan il-għan nobbli. Huwa talab li jkun hemm aċċess għaċ-Ċentru Ċiviku biex jintużaw il-faċilitajiet tat-toilets peress li huma aċċessibbli anka għal siġġu tar-roti.

**392.12.6** Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li kienet ikkuntattjatha persuna mill-kumpanija Ahaobjects li tipproduċi għamara tat-toroq minn skart riċiklat, fejn talbet li tiltaqa' mal-Kunsill biex tagħmel introduzzjoni ta' din l-inizjattiva. Is-Sindku propona li ssir laqgħa qabel is-Seduta li jmiss. Il-Kunsill unanimament qabel.

**392.12.7** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fl-aħħar jiem kien hemm ilmenti fuq midja soċjali dwar dinghi pparkjat fejn l-iktar ikun hemm għawwiema, kif ukoll li niżlet vettura mir-rampa biex tiġbed dan id-dinghi. Is-Sindku qal li sussegwentement għal dan il-każ, qed jiċċekja mal-MTA dwar regolamenti f'dan ir-rigward.

**392.12.8** Il-kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-problema tat-trakkijiet fl-area tal-Kirċippu li jidħlu *wrong side* u qed joħolqu periklu. Is-Sindku qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet. Huwa qal ukoll li saret talba lil TM għal proposta ta' *one way* fi Triq ta' Karlozzu li tgħin biex ittaffa din il-problema.

**392.13** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.10 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 3t'Awissu 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 3t'Awissu 2020

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv